**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju 2019

Rikors Numru: 158/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B li gie kkonfermat bil-gurament taghha u li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-20 ta' Mejju 1981 fil-Knisja ta' San Duminku, l-Belt Valletta,- Kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness u mmarkat 'Dokument A'.
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, D u E li illum huma t-tnejn maġġjorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separari mid-9 t' Ottubru 2002 u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella. Kopja ta' dan il-kuntratt qed jiġi hawn anness u mmarkat 'Dokument B'

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom oltre sbatax-il sena mifrudin de facto, illum jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-partijiet lil xulxin stante illi t-tfal tal-partijiet huma t-tnejn maġġjorenni u il-kuntratt ta' separazzjoni fuq referit ma jistipula l-ebda manteniment għall-partijiet.

6. Illi r-rikorrenti tikkonferma illi l-parijiet ottempraw ruħhom bi sħiħ ma' l-obbligi reċiproċi tagħhom fil-Kuntratt ta' separazzjoni.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jgħid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April, 2019;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati sa mid-9 ta' Ottubru, 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;